

Brussell, 15 ta' Lulju 2019
(OR. en)

9725/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0804 (CNS)**

**ECOFIN 523
UEM 153**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investment - Adozzjoni

1. Fil-11 ta' Marzu 2019, il-Bank Ewropew tal-Investment ippreżenta talba lill-Kunsill taħt l-Artikolu 308 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") li jemenda l-Istatut tiegħu (ST 7651/19).
2. It-talba għandha l-għan li żżid il-kapital sottoskritt tal-Polonja u tar-Rumanija b'EUR 5 386 000 000 u EUR 125 452 381, rispettivament, skont it-talba tagħhom lill-Bank. Fil-kuntest ta' dawk iż-żidiet, qed jiġu emendati wkoll id-dispożizzjonijiet dwar in-nomina ta' membri supplenti tal-Bord ta' Diretturi minn gruppi ta' Stati Membri.
3. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, id-Deċiżjoni ser tapplika wara xahar mill-bidu tal-applikazzjoni tal-emenda preċedenti tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investment (Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/654).
4. Il-Kunsill ikkonsulta lill-Kummissjoni u lill-Parlament Ewropew fis-26 ta' Marzu 2019.

5. Il-Parlament Ewropew ivvota r-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu fil-Plenarja tas-17 ta' April 2019 (ST 9398/19), u l-Kummissjoni tat l-opinjoni tagħha fil-15 ta' Mejju 2019 (ST 9387/19).
6. Il-grupp ta' ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji ntalab jeżamina t-test fis-27 ta' Mejju, mingħajr ma tqajmu oġġezzjonijiet.
7. F'dan il-kuntest, hu ssuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jstieden lill-Kunsill biex japprova d-Deċiżjoni kif riflessa fid-dok. ST 9723/19.